# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 8 ta' Mejju 2025**

**Numru 12**

**Rikors Numru 733/2024**

**Shaun Formosa (K.I. 360994M)**
**vs**
**Alex Mercieca (K.I. 085363M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Shaun Formosa (l-Attur) tat-28 ta' Ġunju 2024 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti ritrattandi kien intavola rikors ġuramentat nhar it-2 ta' Marzu tas-sena 2023, liema rikors iġib in-numru progressiv 214/2023, permezz ta' liema huwa kien talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

    a. "Tordna lil konvenut jivversa lura d-depożitu kollu ta' għoxrin elf, erbgħa mija tlieta u tmenin ewro u tmenin ċenteżmu rappreżentanti depożitu fuq il-propjeta' in kwestjoni u spejjeż peritali;

b. Tordna lil konvenut jivversa lura l-ammont ta' €25 li jibda jiddekorri mill-ewwel (1) ta' Jannar 2021 sad-data tal-effettiv pagament stante illi l-estensjoni ma ġietx iffirmata minn kulħadd;
c. Tillikwida danni lir-rikorrenti permezz ta' periti nominandi."

2. Illi l-konvenut ritrattat kien ġie iddikjarat kontumaċji wara illi huwa kien naqas milli jippreżenta risposta ġuramentata fit-terminu stipulat mil-Liġi, u dan hekk kif muri mill-verbal ta' din l-Onorabbli Qorti datat it-13 ta' Frar tas-sena kurrenti, fejn il-konvenut kien ġie mogħti possibilita' illi jippreżenta n-nota prevista fl-artikolu 158(10) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u l-Proċedura Ċivili.

3. Illi dan ir-rikors kien ġie trasferit mill-presidju tal-Onorevoli Imħallef Miriam Hayman għal dak tal-Onorevoli Imħallef Henri Mizzi nhar it-3 ta' Novembru tas-sena 2023, u dan ad insaputa tar-rikorrenti ritrattandi.

4. Illi fil-fatt, is-seduti ta' nhar id-29 ta' Novembru tas-sena 2023 u dik tas-26 ta' Jannar tas-sena kurrenti ġew diferiti minn naħa tal-Qorti u sussegwentement, dakinhar tas-seduta tat-13 ta' Frar tas-sena kurrenti ma deher ħadd, u dan riżultat ta' nuqqas ta' notifika opportuna fil-konfront tar-rikorrent ritrattandi.

5. Illi konsegwenza tas-suċċitat, ir-rikorrenti ritrattandi ma setgħax jonora t-terminu mogħti minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jippreżenta l-affidavit tiegħu sal-15 ta' Marzu tas-sena kurrenti.

6. Illi fis-sentenza tagħha datata t-23 ta' April tas-sena kurrenti, din l-Onorabbli Qorti presjeduta mill-Onorevoli Imħallef Henri Mizzi ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent ritrattandi a kawża ta' nuqqas ta' provi miġjuba a konjizzjoni tal-Qorti, filwaqt illi ma qisitx il-kontumaċja tal-konvenut ritrattat bħala ammissjoni iżda bħala kontestazzjoni.

7. Illi l-artikolu 811 sub-artikolu (l) jistipula illi jista' jkun hemm ritrattazzjoni f'każ illi "is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża" u inoltre, l-interpretazzjoni tal-istess sub-artikolu tistipula illi "Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza."

8. Illi fil-każ odjern, ma setgħa jkun hemm l-ebda kontestazzjoni hekk kif stipulata fl-interpretazzjoni sovraindikata, u dan a kawża tal-fatt illi r-rikorrenti ritrattandi ma kienx ġie notifikat b'aġġornamenti essenzjali għall-istradar tal-kawża miftuħa minnu.

9. Illi konsegwentement, hemm lok għal ritrattazzjoni a bażi tas-sub-artikolu 811(l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

10. Illi a bażi tal-artikolu 812 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ir-rikorrenti ritrattandi ġie notifikat bid-deċiżjoni tat-23 ta' April tas-sena kurrenti sovraindikata wara illi skada t-terminu legali sabiex jiġi intavolat rikors ta' appell.

**Għaldaqstant**, in vista tal-premess, ir-rikorrenti ritrattandi umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti togħġobha:

1. Tirrevoka u tħassar in toto s-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti nhar it-23 ta' April tas-sena kurrenti fl-ismijiet premessi fir-rigward tar-rikors bin-numru 214/2023, u dan a tenur tas-sub-artikolu 811(l) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

2. Tordna s-smiegħ mill-ġdid tal-kawża u dan għar-raġunijiet sovraindikati.

U dan taħt dawk id-direttivi u l-provvedimenti illi din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa fiċ-ċirkostanzi.

Rat li Alex Mercieca (il-konvenut) minkejja debitament notifikat baqa' ma għamel ebda tweġiba.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat l-affidavit tal-Attur.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Permezz ta' rikors ġuramentat tat-2 ta' Marzu 2023, l-Attur presenta Kawża kontra l-konvenut li permezz tagħha kien qiegħed jitlob ir-rifużjoni ta'

depositu fl-ammont ta’ għoxrin elf, erbgħa mija, u tlieta u tmenin ewro (€20,483) u anke xi penali.

Din il-kawża ġiet appuntata għall-25 ta’ Settembru 2023 quddiem l-Onor Imħallef Myriam Haymen u l-verbal kien jgħid hekk:

“*Meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Josephine Farrugia Mifsud għal Shaun Formosa. Billi l-konvenut mhux notifikat, il-Qorti qed tawtorizza minn issa n-notifika wara l-hinjijiet legali u affissjoni u pubblikazzjoni. Il-kawza hija differita għad-29 ta' Novembru 2023 fl-10.30 a.m. għan-notifiki mehtiega*”.

Jidher li l-kawża giet riassenjata lil Imħallef ieħor, f’dan il-każ lill-Onor Henri Mizzi. Fis-seduta tad-29 ta’ Novembru 2023 il-verbal jgħid “*B' ordni tal-Qorti, dawn il-kawzi qed jigu differiti għas-26 ta' Jannar 2024 fl-istess hin u għall-istess skop tad-differiment precedenti”*. U f’dik is-seduta, għal darba oħra, insibu li “*B'ordni tal-Qorti, kawza differita għat-13 ta' Frar 2024 fl-9:40am”.*

Fis-seduta tat-13 ta’ Frar 2024 dik il-Qorti ordnat hekk:

*“Meta ssejhet il-kawza, ma deher hadd. Kawza posposta. Meta regħhet issejhet il-kawza, rega ma deher hadd.*

*Il-Qorti kkostatat li il-konvenut gie notifikat bil-procedura tal-affisjoni u pubblikazzjoni u li ma jidhrix li tressqet risposta guramentata.*

*Il-Qorti thalli il-kawza biex jekk jixtieq l-attur iressaq affidavit sal-15 ta' Marzu 2024 b'kull dokument li jixtieq iressaq b'dan li f'għeluq dan it-terminu, il-provi tiegħu jitqiesu magħluqa. Il-Qorti tagħti lill-konvenut sal-15 ta' April 2024 biex jipprezenta in-nota skond l-artikolu 158(10) tal-Kap 12 u thalli il-*

*kawza għas-sentenza għat-23 ta' April 2024 fid-9:00am”.* F’din l-aħħar data wara li meta ssejħet reġa’ ma deher ħadd, il-Qorti għaddiet għas-Sentenza u ċaħdet it-talbiet tal-attur f’dik il-Kawża li huwa l-Attur rittrattant f’din il-Kawża.

Mill-affidavit tiegħu jirriżulta li r-rittrattant baqa’ jsewgi d-differimenti minn fuq il-lista’ tal-Imħallef li kien *in block*. Għalhekk huwa baqa’ jsegwi dawk id-differimenti.

L-Attur qiegħed jilmenta peress li huwa qatt ma ġie infurmat li nbidel l-Imħallef u li għalhekk ġie żgwidat fid-differimenti. Minħabba f’hekk qiegħed jitlob li l-Kawża tiegħu tinstema’ kif trid il-liġi.

**Punti ta’ Liġi**

Din hija kawża ta’ ritrattazzjoni abbażi tal-artikolu 811(l) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta li jiddisponi hekk:

*“Kawża deċiża b’sentenza mogħtija fi grad ta’ appell jewmill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista’, fuq talba ta’ waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin....*

*(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta’ żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża. Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza”.*

Dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huwa msejjes fuq il-prinċipju, li kemm jista' jkun, Sentenza li tkun ingħatat u kisbet l-istat ta' ġudikat m'għandhiex titwaqqa' malajr, imma għandha titwaqqa' biss għal raġunijiet serji u gravi li jkunu tali li l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' dik is-sentenza jkunu jmorru kontra s-sens ta' ħaqq u ta' ordni pubbliku (ara **Sentenza fl-ismijiet Marc Aquilina et -vs- Giuseppi Aquilina et mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Ġunju, 2024**).

Huwa għalhekk magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li r-rimedju ta' ritrattazzjoni jista' jingħata biss f'dawk iċ-ċirkostanzi li taħseb għalihom il-liġi, li f'kull każ għandhom jingħataw tifsira dejqa, mingħajr l-ebda tiġbid jew analoġija (ara **Sentenza fl-ismijiet Michele Peresso Limited et v. Upim S.r.l. mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ottubru, 2024**). Di piu' il-proċedura ta' ritrattazzjoni mhijiex maħsuba li sservi bħala grad ieħor ta' appell (ara **Sentenza fl-ismijiet George Camilleri et -vs- David Buttigieg et mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 2023**).

Issa f'dan il-każ il-kwistjoni hi, jekk dik is-Sentenza hijiex l-effett ta' żball dwar fatt li ma kienx punt ikkontestat u deċiż fis-Sentenza li qed tkun attakkata bl-artikolu fuq imsemmi (ara **Sentenza fl-ismijiet Catherine Caruana et -vs- Martin Farrugia et mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2021**).

**Konsiderazzjonijiet**

Bħala fatt jirriżulta li huwa minnu li l-Kawża ġiet rijassenjata lill-Imħallef ieħor. Fis-sewwa, anke l-Attur jidher li baqa' jsegwi l-kawża iżda kien

żgwidat fid-differimenti peress li tassew ma kienx konsapevoli li saret ir-rijassenjazzjoni tal-kawża tiegħu lill-Imħallef ieħor. Ma jidhirx illi ma kienx jieħu kura tal-atti għaliex anke n-notifika bil-pubblikazzjoni u l-affissjoni tal-atti wettaq tant li fis-Sentenza tagħha l-Qorti qieset li dawn kienu ġew debitament notifikati lill-konvenut, ritrattant f'din il-Kawża. Huwa l-konvenut li wera ċerti diżonvoltura fil-proċeduri tant li anke f'din il-Kawża għal darba naqas li jagħmel risposta ġuramentata u anke naqas milli jagħmel in-nota ta' sottomissjonijiet skond il-liġi.

Issa fil-każ ta' rijassenjazzjoni ta' kawżi l-artikolu 11(7) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

*"Kull assenjazzjoni, tibdil jew surroga magħmulin mill-President ta' Malta, u kull tqassim ta' dmirijiet in ġenerali, u kull assenjazzjoni ta' każijiet bħala riżultat ta' rikuża jew astensjoni magħmula mill-Prim Imħallef jew, kif ikun il-każ, mill-Imħallef Anzjan Amministrattiv imsemmi fis-subartikolu (11), <u>għandhom jitqiesu li jkunu ġew notifikati kif imiss u biżżejjed għall-finijiet kollha jekk jitwaħħal avviż dwarhom f'dak ir-reġistru</u> li l-Ministru jista' jippreskrivi għal dan il-għan taħt l-artikolu 27 qabel jew malli jibda il-perijodu li fih dik l-assenjazzjoni, dak it-tibdil, dik is-surroga jew dak it-tqassim għandhom iseħħ".*

Issa minn eżami ta' dan l-artikolu huwa ċar li l-assenjazzjonijiet li għandhom jitqiesu li ġew notifikati kif imiss skond il-frażi fuq sottolinejata, jekk dawn ikunu jirrigwardaw "*kull tqassim ta' dmirijiet in ġenerali, u kull assenjazzjoni ta' każijiet bħala riżultat ta' rikuża jew astensjoni magħmula mill-Prim*

*Imħallef jew, kif ikun il-każ,”.* Għalhekk dak li jrid ikun eżaminat f’din il-Kawża huwa jekk kienx hemm bżonn ħtieġa ta’ notifika formali jew le. Dawk li żgur ma għandhomx bżonn notifika huma dawk li jirrigwarda tqassim ta’ dmirijiet ġenerali. F’dan il-Każ mhux hekk ġara. Id-dmirijiet ġenerali taż-żewġ Imħallfin baqa’ l-istess: li jiddeċiedu materja li taqa’ fil-kompetenza tal-Prim Awla Qorti Ċivili.

L-anqas ma huwa indubitat, li dak li ġara fil-każ in eżami ma kienx b’konsegwenza ta’ xi rikuża jew astenjoni. Għalhekk skond din il-Qorti, dak li ġara f’din il-Kawża ma hux milqut mill-artikolu inkwistjoni. Ergo xi tip ta’ informazzjoni kellha tingħata lill-Attur. Il-minimu li seta’ sar kien li l-assenjazzjoni tkun riflessa f’xi verbal u komunikata lill-avukat tal-parti anke jekk dan mhux meħtieġ mil-liġi biex ukoll tkun evitata Kawża bħal dik tal-lum. Imma, indipendentement minn dan kollu, ġa la darba li din l-assenzjoni ma kinitix dispensata minn notifika formali, allura kellu jkun hemm notifika tal-Attur.

Għalhekk għandu raġun l-Attur rittrattant jinvoka l-artikolu 811(l) għaliex is-Sentenza *hija ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta’ xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża*. Is-Sentenza hija bbażata fuq is-supposizzjoni li l-Attur bħala fatt kien jaf bl-assenjazzjoni meta dan ma kienx minnu.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta’ u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa’ l-ewwel talba Attriċi**.

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tordna s-smiegħ mill-ġdid tal-kawża imsemmija fl-ismijiet Shaun Formosa kontra Alex Mercieca rikors numru 214/2023.

Spejjes għall-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**